MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 915/1996/1

**Darren Sammut**
**v.**
**Eric Zammit**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1996 l-attur ppremetta illi fis-7 ta' Dicembru, 1994 ghall-habta tas-1.00 p.m. fil-kosta ta' Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur, l-attur li kien riekeb fil-vettura S-8641 misjuqa mill-konvenut, kien involut f'incident awtomobilistiku; illi mill-istess incident l-attur

sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta’ natura gravi u permanenti kif ser jigi ppruvat watq it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-incident awtomobilistiku lmentat sehh b’tort uniku tal-konvenut stante li b’imperizja, b’imprudenza, bi traskuragini u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa baqa’ diehel b’velocita` qawwija f’arblu tad-dawl bir-rizultat li l-attur, li kien riekeb fuq quddiem, wegga gravament u sofra debilita` permanenti f’sahtu; illi ghalkemm l-attur sejjah lill-konvenut sabiex ihallsu d-danni kollha li huwa sofra, il-konvenut baqa’ inadempjenti; l-attur ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Dicembru, 1994 ghal habta tas-1 p.m. fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq, limiti tal-Gharghur;
2. tiddikjara illi b’rizultat tal-istess incident l-attur sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta’ natura gravi u permanenti;
3. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur anke permezz ta’ periti nominati ghal dan l-iskop; u
4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Frar, 1996 kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-18 ta’ Settembru, 1996 il-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut izda minhabba cirkostanzi ghal kollox indipendenti mill-konvenut hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi inoltre id-danni pretizi mill-attur huma esagerati u ma jirriflettux l-ammont ta’ danni reali li fil-fatt sofra l-attur f’dan l-incident in kwistjoni.

**Is-sentenza appellata:**

B'sentenza tad-29 ta' Novembru, 2001 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghat it-talbiet attrici, iddikjarat lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi, iddikjarat ukoll li b'rizultat tal-imsemmi incident l-attur sofra danni rizultanti minn lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti ghal liema llikwidat kumpens fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, mitejn u wiehed u tmenin lira Maltija u sittin centezimu (LM34,281.60) u finalment ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament.

**L-appell tal-konvenut:**

Il-konvent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2001, fl-ismijiet premessi billi **tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn id-danni sofferti mil-attur gew likwidati fl-ammont ta' LM34,281.60 u minflok tikkwantifika u tillikwida d-danni bil-metodu u skond il-principji "hawn fuq indikati"** bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur.

Illi kif jidher mit-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell, il-konvenut mhux qed jappella minn dik il-parti tas-sentenza li tatribwixxi r-responsabbilita` ghall-incident lilu izda qed jillimita l-appell tieghu ghal dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-istess Qorti. L-aggravji mressqa mill-konvenut appellant f'dan ir-rigward ghalhekk jirriferu:-

1. ghall-fatt li s-sentenza appellata ma haditx konjizzjoni tal-metodu xjentifiku intiz sabiex wiehed jistabilixxi grad ta' debilita` ekwu u gust f'kazijiet simili u senjatament meta d-debilita` tkun tirrigwarda biss **ghajn wahda mentri l-ghajn l-ohra tibqa' perfettament normali.**

2. ghall-fatt li l-**multiplier** adottat huwa eccessiv u ma jirriflettix dawk il-principji stabbiliti fil-gurisprudenza nostrana li huma intizi lbiex jissalvagwardjaw kemm l-

interess tad-danneggjat kemm ta’ min irid jaghmel tajjeb ghad-danni, u
3. ghall-fatt li l-**introitu** utilizzat mill-ewwel qorti ghall-fini tal-komputazzjoni tad-danni huwa ferm eccessiv.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti processwali jirrizulta li sabiex tigi determinata d-dizabilita` permanenti tal-attur bhala rizultat tal-incident in kwistjoni, originarja-ment gie mahtur bhala espert mediku Dr. Thomas Fenech u dan, wara li kkonstata d-diversi griehi li kien sofra l-attur, ikkonkluda li din id-dizabilita` kienet fi grad ta’ 25%. Wara li nhalef dan ir-rapport il-konvenut talab li jigu, kif effettivament gew, mahtura tlett esperti medici ohra bhala periti addizzjonali. Dawn wara li ghamlu l-kostatazzjonijiet klinici tal-griehi sofferti mill-attur, iddikjaraw li bhala grad ta’ dizabilita` permanenti l-atturi kien gie menomat fi grad ta' 18%. Dan ir-rapport ma gie bl-ebda mod kontestat jew kritikat mill-partijiet u ghalkemm l-attur kien talab li jeskuti lill-periti addizzjonali jirrizulta li, minghajr ma saret din l-eskussjoni, fl-udjenza tal-21 ta’ Gunju, 2001 huwa iddikjara li ma kellux aktar provi (ghalkemm wara tali dikjarazzjoni ipprezenta, permezz ta’ nota, xi certifikati rilaxxjati minn Dr. Richard Soler, liema dokumenti kienu ssemmew precedentement fl-affidavit tieghu). Il-konvenut la ressaq xi ilment fuq ir-rapport tal-periti addizzjonali u lanqas ma jidher li talab li jaghmel xi sottomissjonijiet fir-rigward tal-komputazzjoni tad-dizabilita` kif qed isir illum.

Fic-cirkostanzi l-ewwel qorti esprimiet ruhha hekk fis-sentenza appellata:-
“Illi abbazi tal-premess jidher li l-istess attur soffra (sic) dizabilita` permanenti ta’ 18%, kif irrelataw l-istess periti perizjuri u li ma gewx ikkontestati mill-istess partijiet.

“Illi l-attur jirrizulta li kien apprentist mal-Enemalta meta sar l-incident, u kien ghadda mil-ezamijiet ghall-*Higher Technician Diploma in Mechanical Engineering,* kien ghadda mill-*Final Test* skond certifikat tal-*Employment & Training Corporation* u kien jista’ jippratika bhala *Mechanical Engineering Technician.*

"Illi mis-6 ta' Jannar 1997 beda jahdem ta' *Tecnician* (sic) *1* bil-paga ta' LM3,479 b'zieda ta' LM92 fis-sena. Illi fil-fatt jidher li bhala apprendist fin-1994 kellu paga gross ta' LM1,339.44; fin-1995 kellu LM1,503.45; fin-1996 kellu LM1,208.91; fin-1997 kellu LM3,845.56; fin-1998 kellu LM4026.32; u fin-1999 kellu LM4,213.50 u din kellha titla' ghall-LM4,327 fis-sena 2000.

"Illi meta wiehed jikkonsidra l-logorju (sic) kontinwu tal-flus fuq il-pagament annwali, liema ammont se jibqa' kif stabbilit fid-data ta' din is-sentenza, u wkoll l-istaticita`, fl-ammont minghajr ebda assunzjoni ulterjuri ta' zidiet possibbli, apparrti iz-zidiet tal-gholi tal-hajja "**Elvira Abela vs Onor Prim Ministru et**" (A.C. 30 ta' Dicembru 1994) u meta wiehed jikkonsidra *increments* ohra li l-istess attur ser igawdi minnhom, din il-Qorti sejra tahdem fuq il-paga annwali ta' LM4,500 fis-sena tenut kont tal-eta` zghira tal-attur u l-effett li dan l-incident jista' jkollu fuq il-promozzjonijiet tieghu u dan anke fuq il-principju affermat fis-sentenza "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato**" (P.A. (NA) 5 ta' Ottubru 1999) fejn segwiet dak li intqal fis-sentenzi tal-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet "**Salamo et vs Attard**" (P.A. (NA) 23 ta' Jannar 1996) u "**Davies et vs Galea**" (P.A. (NA) 10 ta' Ottubru 1997) u cjoe` li:-

"*Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece jistriehu biss fuq il-fatt ta' dizabbilita` minghajr ma jsir ezami profond jekk id-dizabbilita` hijiex verament sejra tikkaguna telf futur.*

*"Din is-sistema ma hijiex l-ahjar wahda pero` hija l-unika wahda accettabbli sakemm ma jinholoqx makkinarju fejn dawn il-materji ma jinghalqu qatt u allura, bhal fil-kaz ta' alimenti, dritt stabbilit ikun jista' jigi varjat minn zmien ghal zmien skond ic-cirkostanzi."*

*"Illi ma hemmx dubju li mill-lat ta' ekwita` pura din is-sistema hija preferibbli. Jekk rizultat dirett ta' incident id-danni rizultanti minkejja li jikkawzaw biss dizabilita` marginali f'individwu, b'konsegwenza taghhom jisfa bla xoghol, allura l-kumpens tieghu ghandu jkun ferm akbar*

*minn dak b'dizabbilita` akbar jipprocedixxi* (sic) *b'certu mod fil-hajja."*

"Illi bbazat fuq l-eta` ta' 18-il sena, l-attur ghandu hajja lavorativa ta' 44 sena u ghalhekk mahduma din fuq introitu ta' LM4,500 u b'dizabilita` permanenti ta' 18% jirrizulta din is-somma:-

LM4,500 x 44 x 18% = LM35,640.

"Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi "**Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et**" (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u "**Olga Busuttil et vs Raymond Muscat**" (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju, 1997) u "**Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et**" (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) la darba ghaddew kwazi sitt (6) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta' iktar minn 6% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'LM2,138.40 ghall-LM33,501.60.

"Illi minbarra dan ghandha tinghata wkoll lill-konvenut [recte: lill-attur] is-somma ta' LM780 rappresentanti xoghol *part time* li l-attur ma setghax jaghmel ghal sena wara l-incident minhabba l-kura li kien jiehu, peress li kien jahdem fin-*Nicholson's Supermarket* kull nhar ta' Sibt, u maghdud dan l-ammont mas-somma ta' M33,501.60 jwassal ghas-somma ta' LM34,281.60 bhala danni likwidati li soffra l-istess attur kawza tal-incident de quo."

**Ikkunsidrat:**

**Dwar il-grad ta' dizabilita`:**

Fir-rikors ta' l-appell il-konvenut issottometta li skond il-prassi huwa accettat li meta persuna ssofri xi griehi f'ghajn wahda b'mod li dik l-ghajn tigi menomata filwaqt li l-ghajn l-ohra tibqa' tajba, ma ghandhiex tittiehed biss id-dizabilita` f'dik l-ghajn effettwata ghal fini tal-komputazzjoni tal-grad ta' dizabilita`, izda trid tigi adottata formula li tiehu in konsiderazzjoni z-zewg ghajnejn biex b'hekk jigi stabbilit l-ammont ta' nuqqas ta' dawl "globalment", u kif id-dizabilita` fl-ghajn effettwata ser teffettwa lid-danneggat. Dan l-argument, apparti li

jipprezenta aspett tekniku li ma giex kunsiderat mill-ewwel qorti ghax il-konvenut ma ressaq ebda sottomissjoni fir-rigward, jibati minn zewg aspetti:-

a) Is-sentenza citata bhala awtorita` in materja mill-konvenut appellant, u cioe` **Gaspare Xuereb vs Sammy Meilaq et noe**, ma ghandha ebda rilevanza inkwantu din il-Qorti, kif dakinhar komposta, bis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 1998 irrevokat is-sentenza tal-Prim Istanza u cahdet it-talbiet attrici billi rriteniet li dawn kienu preskritti. Ghalhekk dik is-sentenza ma ghamlet ebda pronunzjament fir-rigward tal-mod kif issir il-komputazzjoni. Infatti dak li jinghad fir-rikors ta' l-appell, u li hu attribwit lil dik is-sentenza, ma kien xejn hlief riproduzzjoni ta' dak li kien intqal mill-espert legali nkarigat quddiem l-qorti ta' l-ewwel grad.

b) Fit-tieni lok ir-rapport tal-esperti medici addizzjonali ma jispecifika ebda mod kif l-istess esperti waslu ghall-konkluzzjoni taghhom fir-rigward tal-percentwali ghall-**ocular disability.** Mhux eskluz ghalhekk li dawn setghu, fil-konsiderazzjonijiet taghhom, hadu konjizzjoni ta' dak li qed isostni l-konvenut. Kien jispetta lill-istess konvenut li f'dak l-istadju jeskuti lill-periti addizzjonali biex jaccerta ruhu dwar is-sistema xjentifika uzata minnhom. F'dan l-istadju dan l-ilment jidher li huwa tardiv.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax fondat.

**Dwar il-multiplier:**

Is-sentenza appellata adottat "multiplier" ta' erbgha u erbghin sena billi rriteniet li l-attur kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ghal dan iz-zmien kollu stante l-eta` zghira tieghu meta sehh l-incident. Il-konvenut appellant qieghed jissottometti li dan il-perjodu huwa eccessiv u li multiplier ta' bejn 30 u 35 sena kien ikun aktar ekwu u gust.

Fir-rikors ta' l-appell gie sottomess li "*Huwa minnu li l-Qrati taghna recentement bdew jadottaw attitudini aktar wiesgha fil-kwantifikazzjoni tad-dani u kif ben tajjeb qalet l-ewwel Qorti, il-Qrati ghandhom ikollhom certu diskrezzjoni in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, izda l-esponent umilment jissottometti li certu principji*

*stabbiliti ghandhom ikomplu jintuzaw fl-ahjar interess tad-danneggjat u ta' min irid jaghmel tajjeb ghad-danni."*

Fir-risposta tieghu l-attur appellat, kif mistenni, sostna li l-multplier adotta mill-ewwel qorti kien wiehed gust u jirrifletti decizjonijiet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fejn gie ritenut li ghandu jigi impost l-massimu tal-multplier billi hawn "qeghdin fil-kamp ta' probabilita`[1] u meta "ma hemmx raguni ghaliex wiehed jiddubita li l-attur ma kien ser jikkompleta s-snin kollha ta' xoghol sakemm jirtira bil-pensjoni"[2].

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar

[1] Vincent Debrincat et vs Mary Rose Vella et – Appell. 24 ta' Marzu 1992
[2] Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et – Appell. 30 ta' Dicembru 1994.

wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘lucrum cessans’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.

Issa mill-assjem tal-provi prodotti, ghalkemm jidher li l-attur huwa milqut minn dizabilita` ta’ natura permanenti bhala rizultat tal-incident de quo, ma jidhirx li din id-dizabilita` b’xi mod effettwat avversament sew l-introitu tieghu kif ukoll l-avvanz fil-karriera tieghu. Infatti wara l-incident jirrizulta li l-attur ikkwalifika fil-mestier li kien behsiebu jsegwi u sahansitra gie impjegat bil-paga normali tal-grad tieghu mill-Korporazzjoni li kienet qed tindukrah bhala apprentist. Lanqas ma jirrizulta li d-dizabilita` ser tizdied fil-futur – bhal per ezempju meta jkun hemm griehi fl-ghadam li jghati lok ghall-artrite prekoci jew progressiva – b’mod li tista` tfixkell l-kapacita` lavorattiva ta’ l-attur.

Tenut kont ta’ dan kollu din il-Qort hija tal-fehem li s-somma likwidata mill-ewwel qorti kienet eccessiva u ma tara ebda raguni ghaliex l-attur ghandu jigi kumpensat ghall-perjodu kollu tal-hajja lavorattiva tieghu, partikolarment meta hija l-prassi f’dawn il-kazi li l-gudikant jiehu in konsiderazzjoni l-effett tac-“chances and changes of life” li fir-realta` jistghu, ghar-ragunijiet kompletament indipendenti mill-incident *de quo*, jirriducu l-hajja lavorattiva tal-attur. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-‘multiplier’ ghandu jigi ridott minn dak ta’ 44 sena ghall-35 sena u sejra ghalhekk taghmel il-kalkoli mehtiega aktar ‘l quddiem.

**Dwar l-introjtu:**

Il-konvenut qieghed ukoll jilmenta mill-fatt li l-ewwel qorti uzat bhala bazi introitu annwu ta’ LM4,500 sabiex tasal ghal-likwidazzjoni finali. Din il-Qorti tosserva li fic-cirkostanzi tallum, fejn il-valur tal-lira dejjem niezel u konsegwentement l-pagi dejjem jgholew, ma tara xejn straordinarju l-ammont ta’ introitu li gie mehud bhala bazi

tenut kont li dan l-ammont ghandu jirrifletti kumpens futur. F'dan is-sens l-aggravju mhux qed jigi akkolt. Izda din il-Qorti tirravviza certa inkonsistenzi fis-sentenza appellata. Huwa cert li bejn id-data tal-incident u d-data tas-sentenza meta gie likwidat l-kumpens, l-introitu tal-attur kien stabbilit hekk u cioe` LM1,503.45 fl-1995; LM1,208.91 fl-1996; LM3,845.56 fl-1997; LM4,026.32 fl-1998; LM4,213.50 fl-1999 u LM4,327.00 fl-2000. Dan kien l-introitu effettiv tal-attur. Hawn ghalhekk mhux si tratta ta' kalkolu fittizzju progettat fil-futur, izda certezza u konsegwentement ghaz-zmien li l-introitu ta' l-attur kien maghruf u cioe` bejn in-1995 u it-2000, bla pregudizzju ghal 'lucrum cessans' futur, l-attur ghandu jigi kompensat bir-rata ta' 18% tal-introitu kollu ghall-perjodu in kwistjoni; u cioe` 18% tas-somma globali ta' LM19,124.74 ekwivalenti ghas-somma ta' LM3,442.45 – dana kontra s-somma ta' LM4,800 li giet likwidata ghall-istess perjodu rappresentanti 18% mis-somma ta' LM27,000 li jirrapresentaw l-introitu ta' sitt snin b'rata ta' LM4,500 fis-sena. Naturalment id-29 sena l-ohra ta' kumpens ghal telf futur ma ghandhomx jigu disturbati billi hemm inkunu fil-kamp ta' incertezza u ghal dan il-perjodu ghandha tigi adottata l-figura ta' LM4,500 bhala introitu annwu ta' l-attur.

Ghalhekk tenut kont ta' dak li inghad hawn fuq dwar l-ammontar tal-multiplier, kif ukoll ta' dak li inghad fil-paragrafu immedjatament precedenti, dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-ewwel sitt snin, jigi li l-kumpens effettivament dovut lill-attur ghall-griehi minnu sofferti fl-incident fuq imsemmi, u dana qabel ma issir id-deduzzjoni ta' sitta fil-mija (6%) minhabba l-*lump sum payment* - li ma jidhirx li sar xi ilment dwarha mill-konvenut appellant – qabel ma tizdied is-somma ta' LM780 rapprezentanti 'telf effettiv' minn xoghol part time, huwa ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija tnejn u tletin lira maltin hamsa u erbghin centezimu (LM26,932.45). Minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas 6% ghar-raguni hawn fuq moghtija u kif spjegat fis-sentenza appellata, biex l-kumpens taht il-kap ta' Lucrum Cessans jigi hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sittax il-lira maltin u hamsin centezimu (LM25,316.50). Ma din is-somma ghandha tizdied is-somma ta' LM780 biex l-

ammont finali li ghandu jithallas lill-attur jigi sitta u ghoxrin elf sitta u disghin lira maltin u hamsin centezimu (LM26,096.50).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut gie dikjarat responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni u ghal griehi sofferti mill-attur, tirriforma l-istess sentenza inkwantu tirriduci l-ammontar ta’ danni minn dik likwidata mill-ewwel qorti ghas-somma ta’ sitta u ghoxrin elf sitta u disghin lira maltin u hamsin centezimu (LM26,096.50) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dan l-ammont lill-attur bl-imghax legali millum.

Dwar l-ispejjes hija l-fehma ta’ din il-qorti li ghandu jkun hemm temperament billi l-appell kien gustifikat u ghalhekk tordna li l-ispejjes tal-kawza, u cioe` kemm dawk tal-prim istanza u kif ukoll ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart mill-attur appellat u tlett kwarti mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------